MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2012

Avviz Numru. 282/2009

**Perit Valerio Schembri**
**vs**
**Samuel Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors promotur tal-attur li gie pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar it-3 ta’ Awwissu 2009 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta’ hdax-il elf, mitejn u hamsa u sebghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€11,275.62) rapprezentanti l-valur tad-drittijiet professjonali, inkluza il-VAT ghal servizzi professjonali rezi lilu mill-attur fuq inkarigu tieghu stess relattivi ghal diversi *social security projects* esegwiti r-Rabat, Haz-Zabbar u Bormla.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficcjali a tenur ta’ l-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta bin-numru 74/08 fl-ismijiet ‘**Perit Valerio Schembri vs Samuel Camilleri**’ datata 8 ta’ Jannar, 2008 u bl-imghax legali dekorribli mit-tmienja (8) ta’ Jannar 2008 (id-data ta’

l-ittra ufficcjali) sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li hu ngunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut ipprezentata nhar it-tlettax (13) ta' Novembru, 2009 fejn eccepixxa:

*1. "Illi l-azzjoni hija inattendibbli peress illi hija preskritta ai termini tal-Artikolu 2149 ( c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*
2. *Salv eccezzjonijiet ulterjuri*."

Rat in-nota tal-Perit Valerio Schembri ipprezentata nhar il-21 ta' Jannar, 2010 li permezz taghha esebixxa zewg (2) affidavits; wiehed tieghu stess u l-iehor ta' Michael Ferry.

Fl-affidavit tieghu, l-attur **Perit Valerio Schembri** ddikjara li ilu jippratikka l-professjoni ta' perit sa mis-sena 1994 u jiftakar li ghall-habta tas-sena 1999 kien mar l-ufficcju tieghu l-konvenut Samuel Camilleri u talbu jimlielu tender ghad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali sabiex issir refurbishment inkluz services fl-ufficcini ta' l-istess dipartiment gewwa Bormla, Haz-Zabbar u Rabat. Qal li mieghu kien mar Michael Ferry li kien johodlu hsieb il-paper work tieghu. Dan Camilleri qallu wkoll li jekk it-tender jigi aggudikat a favur tieghu l-Perit kellu jiehu hsieb ix-xoghol kollu bhala project manager u anke jkejjel ix-xoghol biex johrog il-final invoice. Ftehmu li kellu jithallas 5% ghal project managemen t u 1% ghall-kejl. Camilleri xtaq li l-perit jithallas una volta huwa jigbor il-flus kollu minghand id-dipartiment. Fil-fatt kien raha stramba ghax is-soltu jibghat il-kont man man max-xoghol u ma' l-interim certificates li perjodikament johrog id-dipartiment. Madankollu huwa kien accetta din il-kundizzjoni u qabel li jithallas biss wara li Camilleri jkun gabar il-flus kollha minghand id-dipartiment.

Ikkonferma li kien mela l-offerta u din giet moghtija mid-Dipartiment lill-konvenut. Bdew ix-xoghol u finalment lestewh ghalkemm kien hemm diffikultajiet tas-soltu meta d-dipartiment ikun irid jesegwixxi x-xoghol bin-nies fil-post jew jkun irid jirrilokhom man man max-xoghol. Jaf li meta lestew, d-dipartiment akkuzhom bid-*delays* u ried iwahhal

multa lill-konvenut. Ghalhekk kien hemm hafna laqghat biex spjegaw x'kien gara u finalment id-dipartiment accetta li jhallas il-bilanc li kien baqa' u kien baghat ittra fit-13 ta' Ottubru, 2004 fejn spjega kif ser ihallas il-bilanc finali. Huwa esebixxa kopja ta' l-ittra li giet immarkata bhala Dok VS 01 u r-risposta relattiva ta' Samuel Camilleri immarkata bhala Dok VS 02. L-ahhar pagament skond din l-ittra kellu jsir fis-sena 2006.

Ghall-bidu ta' Frar tas-sena 2006, Samuel Camilleri kien talbu jghaddilu l-invoice tax-xoghol tieghu ghaliex kien appik li jircievi l-pagament jew kien ircevih u b'hekk kien ser ihallsu. Huwa baghtlu l-invoice skond il-ftehim li kellhom u esebixxa kopja tieghu li giet immarkata bhala Dok VS 03. Iddikjara li huwa jinsab infurmat li l-konvenut kien ircieva l-pagament u dan gie anke konfermat minn Michael Ferry.

Wara kien kellem lill-konvenut sabiex ihallsu il-kont dovut u dan kien qallu biex jistenna ftit ghax kellu xi problemi ma' l-Inland Revenue u ma setax ihallas qabel isolvihom. Jaf li kien mar ukoll laqgha biex jghinu ghalkemm huwa ma kellux x'jaqsam ma' din il-kwisjtoni. Sar jaf ukoll li l-konvenut kien solva l-problemi tat-taxxa li kellu, izda lill-attur ma hallsux. Xi zmien wara kien iltaqa' ma' Michael Ferry u dan qallu li kien tilef il-kuntatt ma' Samuel Camilleri u wara l-attur sar jaf li dan kien minhabba li Ferry kien mizzewweg lil oht il-konvenut izda issa kien issepara minn maghha. Huwa ghalhekk ma kellux triq ohra ghajr li jibghat ittra ifficcjali u fil-fatt esebixxa kopja legali taghha li giet immarkata bhala Dok VS 04 et sec u aktar tard kellu jiftah din il-kawza.

Nhar il-5 ta' Ottubru 2011, rega' xehed **Il-Perit Valerio Schembri** in kontro-ezami u stqarr li meta kien ghadu qed jaghmel xi xoghol ghall-konvenut, ohtu kienet ghadha mizzewga lil Michael Ferry. Hu minnu wkoll li Michael Ferry kien qallu li Samuel Camilleri kellu xi problemi mal-Inland Revenue u ma setghax ihallsu qabel ma jsolvi dawk il-problemi. Ikkonferma li kien Samuel Camilleri stess li qallu dawn il-kliem. Fil-fatt kienu iltaqghu ghand l-accountant tieghu biex jaraw kif setghu jirrizolvu din il-

pendenza. Mistoqsi jekk qallux dan il-kliem quddiem haddiehor, wiegeb li ma jiftakarx, pero' jaf li sahansitra kien qallu sabiex imur ghal dan il-meeting ghand l-accountant tieghu x'imkien lejn l-Imsida.

L-attur tenna li l-kont huwa datat il-15 ta' Frar 2006 u telaq mill-ufficcju tieghu xi jumejn wara. Mistoqsi meta saret din il-konversazzjoni, qal li ma jafx meta. Meta kien jghid lil Michael Ferry biex forsi jkellem ftit lill-konvenut kien jghidlu biex jaghtih naqra cans peress li kellu problemi ma' tat-taxxa. Jiftakar li l-konvenut kellu jiehu xi bilanc sostanzjali minghand il-Gvern. Jaf ukoll li l-konvenut kien wasal fi ftehim mal-Gvern li jaghtihomlu fi tlett pagamenti. U hekk gara il-Gvern kien ghadda l-pagament lil Camilleri u Camilleri qallu li kien ser ihallsu una volta jircievi l-ahhar pagament minghand il-Gvern. Xi ftit jiem qabel ma baghtlu l-invoice, peress li kien ilu jistenna mis-sena 2000 biex jithallas, qallu li kien wasal biex jithallas u talbu biex jibghatlu l-invoice biex effettivament jithallas u hekk ghamel baghtlu l-invoice bl-intendiment li jithallas.

Rat l-affidavit ta' **Michael Ferry** pprezentat fil-21 ta' Jannar 2010 fejn spjega illi huwa kien mizzewweg lill-oht il-konvenut. Qal li l-konvenut proprjament huwa kahhal u bajjad pero' f'xi zmien lejn is-sena 1997 kien talbu ighinu sabiex jiehu xi xoghol *turnkey* jew ta' *refurbishment*. Huwa minn dak il-kuntratt kellu il-hsieb li jaghmel dak li kien kapaci jaghmel u jaghti *sub contracting* dak ix-xoghol li ma kienx skond is-sengha tieghu. Iddikjara li l-konvenut ma kienx kapaci jiehu hsieb l-amministrazzjoni u processar ta' dokumenti relattivi, liema xoghol kien johodlu hsieb hu. Huwa ma kienx izommlu flus ghax kien jigi mizzewweg lill-ohtu.

Ghal habta tas-sena 1999 kienet harget sejha ghall-offerti mill-Ministeru Ghall-Familja u Soldarjeta' Socjali ghal xoghol ta' *refurbishing* inkluz servizzi ghad- dawl, ilma u *air conditioning* fl-ufficini taghhom gewwa Bormla, r-Rabat u Haz Zabbar. Qal li huwa kellu esperjenza kbira fi *project management* pero' dak iz-zmien kien jahdem *full time* u ma setghax jghinu jiehu hsieb l-entita' ta' dan ix-xoghol u ghalhekk kien issugerixxa lill-konvenut sabiex iqabbad

perit sabiex jimlilu t-tender u johodlu hsieb ix-xoghol f'kaz li jirbah tali tender.

Tenna li l-konvenut kien accetta is-suggeriment tieghu u mar mieghu ikellem lill-attur. Quddiemu kien ftiehem mal-attur li r-rati li kellu jhallas lill-perit kienu ta' 5% ghal *management fee* u 1% ghal kejl jew ahjar *quantity surveying*. Peress ili l-kont kellu jitla' mhux hazin dakinhar il-ftehim mal-Perit kien li l-perit jibghat il-kont tieghu u l-perit jithallas una volta jithallas is-somma intiera minghand id-Dipartiment. L-intenzjoni kienet sabiex l-attur jghin lill-konvenut jigbor flusu.

In segwitu l-attur mela t-tenders ipprezenthom u l-konvenut rebah it-tender relattiv u minkejja li kien hemm xi diffikultajiet logistici ghaliex hafna xoghol sar bin-nies fil-post. Ix-xoghol tas-sengha sar mill-konvenut waqt li l-attur ha hsieb il-*management*. Iddikjara li minn zmien ghal zmien kienu jiltaqghu ghand il-Perit sabiex jiddiskutu l-andament tal-progett u kien hemm drabi meta l-konvenut kien hareg xi pagamenti ghal xi *sub contractors* li kien qabbad.

Ferry tenna li jaf ukoll li meta tlesta ix-xoghol u gie finalizzat il-kont, id-dipartiment kien ilmenta mid-dewmien fl-ezekuzzjoni u kien hemm diversi laqghat li l-bicca kbira taghhom mar ghalihom l-attur bhala Project Manager sabiex jispjega d-dewmien. Finalment u peress li d-dipartiment kellu xi diffikoltajiet sabiex jhallas ntlahaq ftehim dwar l-ammont u kif kellu jithallas u d-dipartiment kien baghat ittra relattiva dwar dan. L-ahhar pagament kellu jkun fis-sena 2006.

Il-pagament saru kif miftiehma u x'hin wasal jew kien qorob l-ahhar pagament fis-sena 2006 l-konvenut waqt xi laqgha ma' l-attur fil-presenza tieghu kien talbu jibghat il-kont tax-xoghol tal-*project management* u l-*quantity surveying* kif kien miftiehem mieghu. Jidhirlu li ftit wara, il-konvenut kien infurmah li l-perit baghtlu l-kont. Dak iz-zmien l-konvenut kellu xi problemi finanzjarji mad-Dipartiment tat-Taxxa Nterni u ma kienx f'posizjoni jhallsu qabel dawn jigu risolti. Ikkonferma li l-perit kien tah daqqa

t'id biex dawn jigu risolti u ikkonferma li quddiemu l-konvenut wieghdu li kien ser ihallsu dak dovut lilu gialadarba dawn il-problemi jigu rizolti.

Qal li ghall-habta ta' l-ahhar tas-sena 2006 jew ghall-bidu tas-sena 2007 huwa flimkien ma' martu kellhom xi problemi u aktar tard isseparaw u ghalhekk ma baqax f'kuntatt mal-konvenut iktar u ma jafx jekk kienx hallas lill-perit jew le.

Illi nhar it-28 ta' April 2011 rega' xehed ix-xhud **Michael Ferry** u mistoqsi meta l-attur kien baghat il-kont lill-konvenut qal li wisq probabli kien lejn l-ahhar tas-sena 2006 jew bidu tas-sena 2007. Mistoqsi kienx jaf dwar dak li kien ghaddej bejn l-attur u l-konvenut qal li kull darba li l-konvenut ircieva xi komunikazzjoni kien jurihielu u huwa kien jghidlu sabiex johodha s'ghand il-perit attur. Ikkonferma wkoll li l-konvenut kien qallu lejn l-ahhar tas-sena 2006 li kien ircieva il-hlas minghand id-dipartiment. Qal li huwa fehem li l-konvenut ma hallasx lill-attur ghaliex dak iz-zmien seta' kellu problemi ta' *cash flow.* Jiftakar ukoll li darba minnhom kien anke mar ma' l-attur u l-konvenut ghand l-accountant tal-konvenut f'ufficcju l-Msida bil-ghan li l-attur jithallas izda baqa' ma thallasx.

Nhar il-15 ta' Novembru 2010 xehed **John Degiorgio** ghan-nom u in rapprezentanza tad-Direttur tal-Corporate Services. Ikkonferma li l-attur kien qed jirrapprezenta lill-konvenut fuq tlett bicciet xoghol u dan fil-konfront ta' tlett tenders li kienu jikkoncernaw xogholijiet strutturali, *finishing works* fi tlett distretti Rabat, Cospicua u Haz-Zabbar. Qal li l-konvenut kein rebah dawn it-tenders wara li kienet saret sejha appozita. Ikkonferma li kien hemm xi delays u l-ahhar tlett pagamenti li d-dipartiment ghamel hargu skond l-ittra datata 13 ta' Ottubru 2010 esebita u mmarkata bhala Dok CSH u ittra ohra mmarkata bhala Dok CSH1. Ikkonferma li t-total kollu kien ta' tmeinja u sittin elf erbgha mija u sitt Liri Maltin (Lm68,406). Ikkonferma li dawn il-pagamenti saru wara li l-attur kien hareg certifikat finali fejn iccertifika li x-xogholijiet kienu saru. Anke il-perit taghhom, il-Perit Rossignaud kien iccertifika li x-xogholijiet kienu saru kollha. Ikkonferma

wkoll li ghalkemm kien hemm xi delays inghataw parir mill-Avukat Genrali sabiex ma jinsistux ghal penali. Qal li l-pagament li sar lill-konvenut sar fl-1 ta' Awwissu 2005 u dan *in full and final settlement.* Ikkonferma li dwar kwistjonijiet ta' *payment vouchers* u hlasijiet dejjem tkelmu mal-konvenut wara li l-Perit Rossignaud ikun ikkonferma li ghandu isir il-hlas. Ikkonkluda billi qal li x-xoghol sar fis-sena 2001 filwaqt li t-tenders hargu sena qabel fis-sena 2000.

Nhar il-15 ta' Dicembru 2010 rega' xehed **John Degiorgio** u kkonferma li d-dipartiment kien inkariga lill-Perit Edgar Rossignaud sabiex jivverifika jekk ix-xogholijiet li kien iccertifika l-Perit Valerio Schembri kinux tajba jew le. Huwa esebixxa kopja ta' korrispondenza li kien baghat l-attur lid-direttur tieghu dwar il-pagamenti liema ittra giet immarkata bhala Dok Z1 u t-twegiba li kien baghat id-Direttur li giet immarkata bhala Dok Z2.

Ikkonferma li kull darba li huma kkomunikaw mal-konvenut ir-ripsosta kienet tigi mill-attur. Huwa esebixxa kopja ta' din il-korrispondenza li giet markata bhala Dok Z3. Huwa esebixxa wkoll kopja tal-pagamenti kollha li saru komplessivament li gew markati bhala Dok Z4 li huma l-payment vouchers li hargu fuq it-tenders in kwistjoni. Il-hlasijiet kollha saru lill-konvenut u skond id-dokument esebit fl-atti u markat bhala Dok Z2 jirrizulta li l-ahhar pagament li kien sar lill-konvenut mid-dipartiment tas-Sigurta' Socjali kien fl-ammont ta' Lm5,642 nhar l-1 ta' Dicembru 2005.

**Il-konvenut Samuel Camilleri** xehed nhar it-23 ta' Novembru 2011 u stqarr illi ma kienx minnu li l-Perit Valerio Schembri talbu biex ihallsu fi Frar tas-sena 2006. La f'dik id-data u lanqas fid-data ta' wara ma kellmu fuq il-hlas. Huwa kkonferma li kien ircieva l-ittra ufficcjali esebita f'dawn l-atti. Pero' cahad dak li gie allegat mill-Perit Valerio Schembri li huma ltaqghu f'Ottubru 2006 biex jiddiskutu il-pagament. Iddikjara li l-perit qatt ma' talab hlasijiet. Huwa ircieva biss dik l-ittra ufficcjali esebita. Il-pagament per se pero' ma giex mitlub. Ohtu kienet mizzewga lill-Michael Ferry, l-istess bniedem li xehed bl-

affidavit, li llum pero' huma separati, u malli huma sseparaw inqalghet din il-kwistjoni. Cahad li qatt qabbad lill-Perit Valerio Schembri izda kien Michael Ferry li qabdu. Pero' ix-xoghol kien ghalih u mhux ghal Michael Ferry, u fil-fatt meta Michael Ferry issuggerilu l-perit, huwa kien kuntent u qallu 'irranga int'. Ikkonferma li kien ha tender ta' *turnkey contractor* mad-dipartiment tas-Social Security, fis sense ta' *finishing* ta' xi bini. Qal li l-perit gie mqabbad biex jiehu naqra hsieb. Tenna li huwa qatt ma kellem lill-Perit u cahad li qatt ftehmu fuq xi rata. Zied jghid li dak iz-zmien kien jafda lil Michael Ferry. Michael Ferry kellu l-awtorita' tieghu biex jirranga mieghu hu, jista' jkun li Michael Ferry iltaqa' mal-perit minghajru. Jista' jkun iltaqghu biex jiddiskutu kontijiet, pero' irrepeta li flimkien ma' Michael Ferry u Valerio Schembri qatt ma' ltaqa'. Kien ihalli kollox f'idejn Michael Ferry. Il-perit qatt ma' baghatlu u huwa qatt ma tah xi pagament.
**Il-Perit Valerio Schembri** xehed nhar id-29 ta' Frar 2012 u mistoqsi meta kien il-ftehim meta huwa kellu jithallas minghand il-konvenut wiegeb li una volta l-konvenut jircievi l-pagamenti huwa kellu jithallas billi jaghtih l-invoice u effettivament jithallas hu. Huwa minnu li kien is-sur Ferry li kien introducieh mal-konvenut ghalkemm qabel din il-materja kien diga' ghamel xi xoghol ghall-konvenut.
**F'konfront bejn Michael Ferry u Samuel Camilleri** nhar id-29 ta' Frar 2012 **Michael Ferry** qal li jekk mhux sejjer zball kien prezenti flimkien ma' Samuel Camilleri meta fil-bidu tas-sena 2006 kien qallu li kien ircieva l-hlas minghand id-dipartiment koncernat u li kien bi hsiebu jhallas lill-Perit Valerio Schembri, prezenti maghhom pero ma kien hemm hadd aktar. Mistoqsi jekk qatt thallasx jew ircieva xi pagamenti minghand Samuel Camilleri ghal dan ix-xoghol jghid li le ghalkemm fejn hareg xi spejjez fuq affarijiet ohra kien hemm ftehim li kien jithallas, apparti l-ispejjez kien jithallas ukoll tal-input li kien jaghti. Fuq dan il-kaz pero' ma rcieva l-ebda hlas minghand Samuel Camilleri. Muri id-Dok Z1 jghid li jrid jaghmel il-verifiki tieghu dwaru.

Fl-istess konfront tad-29 ta' Frar 2012, **Samuel Camilleri** irrepeta li ma kienx minnu li huwa qal li mal-Perit Valerio

Schembri qatt ma ltaqa'. Ikkonferma pero' li ma kienx hu li qabbad lill-Perit Valerio Schembri izda kien Micheal Ferry ghan-nom tieghu. Fil-fatt kien Michael Ferry li kien jikteb ic-cekkijiet mic-cheque book tieghu u jaghmel il-pagamenti ghan-nom tieghu. Huwa kien jaghmel dak li jghidlu Michael Ferry. Huwa qatt ma qal li lil Perit Valerio Schembri ma riedux.

Rat in-nota ta' sottomissjoni ta' l-attur prezentata fl-atti nhar l-4 ta' Settembru 2012 (fol. 100) u dik responsiva tal-konvenut prezentata fl-atti nhar l-20 ta' Novembru 2012 (fol.107).

Rat illi ghalhekk din il-kawza illum tinsab differita ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza l-attur qed jitlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu is-somma hdax-il elf, mitejn u hamsa u sebghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€11,275.62) rapprezentanti din is-somma drittijiet professjonali tieghu inkluz l-VAT ghal servizzi professjonali rezi lilu fuq inkarigu tieghu stess relattivi ghal diversi social security projects esegwiti r-Rabat, Zabbar u Bormla.

Il-konvenut minn naha tieghu ma jikkontestax is-servizz jew l-ammont mitlub izda jeccepixxi l-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 2149(c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat ulterjorment.

**L-Artikolu 2149(c) tal-Kapitolu 16** jiddisponi is-segwenti:

*"L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn:*

*(ċ) l-azzjonijiet tal-avukati, prokuraturi legali, nutara, arkitetti u inġinieri ċivili, u persuni oħra li jeżerċitaw*

*professjonijiet jew arti liberali oħra, għad-drittijiet tagħhom u għall-ispejjeż li jkunu għamlu;"*

B'referenza ghas-sentenza li nghatat fit-30 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**Stencil Pave (Malta) Limited Vs Kunsill Lokali Naxxar'** fejn inghad li:

*"Hija regola ewlenija fil-procedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eccezzjoni, u ghalkemm il-parti attrici tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mharrka billi tmieri li ghadda z-zmien jew billi ggib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiza jew interrotta, il-piz jaqa' principalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mharrka li trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq;"*

Fil-fatt dan hu l-istess insenjament li jirrizulta mis-sentenza moghtija wkoll minn dik il-Qorti fit-22 ta' Gunju 2005 fl-ismijiet '**Luciano Martinelli noe vs Saviour Pisani'** fejn gie ritenut li:

*"Skond certu orjentament gurisprudenzjali "l-vera posizzjoni, f' kaz ta' eccezzjoni ta' preskrizzjoni li timporta prezunzjoni tal-pagament, hija din: kif tigi opposta l-preskrizzjoni, l-attur jista' jikkumbattiha jew billi jaghti l-gurament lill-konvenut, jew b' xi wiehed mill-mezzi fuq imsemmija jigifieri, l-inammissibilita`, is-sospensjoni jew interruzzjoni tal-preskrizzjoni.*

*Invece, skond orjentament iehor "min jaghti l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jehtieglu jipprova l-perkors taz-zmien statutorju skond liema terminu preskrittiv ikun applikabbli. Ikun imbaghad jispetta lill-attur-kreditur li jiddefendi lilu nnifsu billi jaghzel it-triq u l-mezzi li taghtih il-ligi biex jinnewtralizza tali eccezzjoni.*

*Dan l-ahhar insenjament jaghmel aktar sens guridiku. L-Artikolu 2107 (2), Kodici Civili jipprovdi li "l-preskrizzjoni hija wkoll mezz sabiex wiehed jehles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx ezercita l-jedd tieghu ghal zmien li tghid*

*il-ligi;*

*Innegabilment, l-accertament tad-dekorrenza taz-zmien tikkostitwixxi indagini ta' fatt u dan jimporta illi inizzjalment jinkombi fuq il-konvenut li jissolleva l-preskrizzjoni, li ghandu, bhala fatt, jissodisfa, bi prova essenzjali, li t-terminu statutorju preskrittiv kien ghadda. Wiehed ma jridx jinsa li l-element kostituttiv ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hi l-manifestazzjoni, f'sens inekwivoku, tal-volonta` tal-parti li ggib 'il quddiem l-estinzjoni bid-dekors taz-zmien tal-kreditu azzjonat fil-konfront tieghu. U allura logikament hu mistenni li l-konvenut jiddeduci, in sostenn tad-difiza tieghu, prova tad-data tad-dekorrenza ghall-iskop tal-komputa tal-perijodu preskrizzjonali;"*

Il-preskrizzjoni hija stitut li huwa proceduralment mehtieg daqskemm huwa odjuz, u meta gudikant jigi mitlub jiddeciedi fuq eccezzjoni tal-preskrizzjoni, irid jasal ghall-fehma tieghu fuq fatti cari u mhux kongetturi. Iz-zmien tal-preskrizzjoni, dan jibda' jghaddi minn dak inhar li l-azzjoni tista' titressaq u l-parti mharrka trid tipprova li l-parti attrici ghaddhielha z-zmien utli biex tressaq il-kawza, u dan minn zmien minn meta dik il-kawza setghet titressaq; Il-Qorti hija marbuta li tqis biss il-preskrizzjoni specifika mressqa mill-imharrek u ma tistax minn rajha tqis li jezisti terminu preskrittiv iehor (ukoll jekk dan jezisti), ghaliex, jekk isir dan, il-Qorti tkun qeghda tindahal u "tissupplixxi ghall-parti eccipjenti f'materja odjuza li fiha ma tistax tiehu inizzjattiva". (vide '**<u>Victor Portelli vs Mark Psaila</u>',** deciza 29 ta' Mejju 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili)

L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni trid tinghata tifsira restrittiva, u ghalhekk jekk ikun jezisti xi dubju dwar l-applikabilita' taz-zmien preskrittiv minn dak li jirrizulta mill-atti, tali dubju ghandu jmur kontra l-eccipjent.

**L-Artikolu 2137 tal-Kapitolu 16** jipprovdi illi "*l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata minghajr ma tittiehed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss*".
Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur fil-bidu kien gie inkarigat minn haten il-konvenut Michael Ferry u dan

ghaliex kellu relazzjoni tajba mieghu u li l-istess Michael Ferry kien jippartecipa fin-negozjati li kienu ghaddejjin bejn il-kontendenti tant li l-konvenut jghid fix-xhieda tieghu tat-23 ta' Novembru 2011 li kien jafda lil Michael Ferry u li Michael Ferry kellu l-awtorita' tieghu biex jirranga mieghu hu u jiltaqa' mieghu fl-assenza tieghu. Mistoqsi ghalhekk jekk setghax kien il-kaz li Michael Ferry kienx jiltaqa' ghan-nom tieghu mal-Perit iwiegeb u jghid li jista' jkun li Michael Ferry iltaqa' mal-Perit minghajru u fil-fatt ikompli jghid li jista' jkun iltaqghu biex jiddiskutu kontijiet. B'mod kategoriku jghid li kien ihalli kollox f'idejn Michael Ferry u li ghal darb'ohra jghid li l-Perit qatt ma baghatlu kontijiet u huwa qatt ma tah xi pagament.

Illi ghalhekk mis-suespost jidher car anke mix-xhieda ta' l-istess konvenut li huwa irrikonoxxa li kellu xi kontijiet pendenti u li Michael Ferry kien jiltaqa' f'ismu mal-perit sabiex jiddiskutuhom, ghalkemm jghid li ma kienx ikun hemm. Jinghad ukoll li l-konvenut ma cahadx dak li qal l-attur fix-xhieda tieghu u cioe' li huwa kellu jtihallas una volta jircievi l-hlas mid-dipartiment koncernat ghax-xoghol li ghamel. Lanqas ma jghid meta effettivament thallas ghas-saldu tal-pretensjonijiet li kellu. Kellu jkun Michael Ferry kif konfermat minn John Degiorgio li jghid li l-konvenut thallas ghas-saldu. L-attur jghid li huwa sar jaf minghand Michael Ferry li l-konvenut kien thallas ghax-xoghol fil-bidu tas-sena 2006 u fil-fatt minnufih pprezenta ittra ufficcjali kontra l-konvenut fejn talbu l-hlas kif jirrizulta mill-atti processwali. Jirrizulta li effettivament l-attur baghat l-kont tieghu fit-13 ta' Frar 2006 (Dok VS 03 fol. 12) u ma rcieva l-ebda hlas minghand l-konvenut u in segwitu pprezenta ittra ufficcjali fit-8 ta' Jannar 2008 (Dok VS 04 fol. 13). Jinghad li t-terminu ta' preskrizzjoni beda jiddekorri minn meta sar jaf li l-konvenut kien thallas ghas-saldu peress li l-ftehim bejniethom kien li huwa kellu jithallas una volta id-dipartiment koncernat ihalsu. Ghalhekk skond l-attur huwa sar jaf li l-konvenut thallas minghand Michael Ferry u dan fil-bidu ta' Jannar 2006 u dan il-fatt huwa konfermat minn Michael Ferry stess. Ghalhekk huwa kellu sentejn minn dak iz-zmien sabiex ifittex lill-konvenut. Huwa agixxa minnufih u baghat il-kont u meta ra li ma rceviex il-hlas, ipprezenta l-ittra ufficcjali

fit-terminu tas-sentejn u cioe' fit-8 ta' Jannar 2008 u pprezenta l-kawza odjerna fit-3 ta' Awwissu 2009 u ghalhekk entro sentejn mid-data ta' l-ittra ufficcjali. Ma hemmx dubju kif tajjeb osserva l-avukat difensur ta' l-attur li l-ittra ufficjali li kien baghat l-attur fit-8 ta' Jannar 2008 swiet sabiex tikser il-preskrizzjoni.

Apparti l-fatt li ghalhekk l-azzjoni ma hix preskritta, xorta jibqa' il-fatt li d-debitu tal-konvenut gie rikonoxxut minnu stess meta jghid li Michael Ferry kien jiltaqa' f'ismu mal-attur sabiex jiddiskutu l-kontijiet u ghalhekk dan ifisser li kien jaf li kien hemm pendenzi. Tali dikjarazzjoni tal-eccipjenti hija kontradittorja ghall-eccezzjoni ta' preskrizzjoni u hawn japplika l-principju li "*ghall-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli l-preskrizzjoni, jekk id-debitur b'att tieghu spontaneu ta' assunzjoni ta' certu sistema ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatabbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u l-forma premessa mill-ligi lill-kreditur biex jikkumbatti dik l-istess preskrizzjoni.*" (Vol. XXVII.i.307)

Illi hawn issir referenza ghall dak li nghad fis-sentenza "**Dr. Toni Abela nomine vs Maurice Vassallo"** (A.C. 19 ta' Mejju 2000) fis-sens li nghad "*li kieku l-konvenut xehed li m'ghandhux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas ftakar li ghandhu jtih, u waqaf hemm bla htiega ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura eccezzjoni tieghu kienet certament tregi imma hawn si tratta ta' persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx*" u allura f'kaz bhal dan mhux iktar opponibbli ghall-azzjoni tal-attur l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni ghaliex b'hekk l-konvenut, bhal dan il-kaz, pogga ruhu b'att tieghu spontaneu, kif kontenut fid-dikjarazzjoni u risposta tieghu, fi stat ta' fatt li jirrendi nkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-prezunzjoni kostitwenti l-fondament tal-preskrizzjoni u f'dan is-sens issir referenza ghas-sentenzi "**Zammit & Cachia Trading Co. Ltd et vs Francis Mizzi"** (A.I.C. (PS) – 7 ta' Dcembru 2005) u "**Austin Psaila vs Lother Slabick**" (A.I.C. (PS) – 9 ta' Frar 2005).

Illi ghalhekk tali eccezzjoni ta’ preskrizzjoni qieghda tigi michuda.

Dwar l-kumplament ma jidhirx li l-konvenut ipprezenta xi eccezzjonijiet ohra u ghalhekk stante li l-ammont per se mhux qed jigi kontestat u l-Qorti m’ghandhiex provi kuntrarja ghal dak pretiz, it-talba attrici qieghda tigi milqugha.

Ghaldaqstant, din il-Qorti filwaqt li qieghda tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, qieghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma pretiza minnu fir-rikors promotur fl-ammont ta’ hdax-il elf, mitejn u hamsa u sebghin Ewro u tnejn u sittin centezmu (€11,275.62) u dan bl-imghax mid-data tan-notifika tal-ittra ufficcjali.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri u tal-ittra ufficcjali imsemmija fir-rikors promotur jithallsu mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------